

Brussell, 24 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14635/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0387(NLE)**

---

**ECOFIN 1086  
FIN 1091  
UEM 337**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Ottubru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 685 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10477/21 INIT; ST 10477/21 ADD 1) tal-20 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal-Litwanja

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 685 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 685 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.10.2023  
COM(2023) 685 final

2023/0387 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10477/21 INIT; ST 10477/21 ADD 1) tal-20 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal-Litwanja**

{SWD(2023) 347 final}

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 10477/21 INIT; ST 10477/21 ADD 1) tal-20 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għal-Litwanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mil-Litwanja fl-14 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021<sup>2</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fit-30 ta' Ġunju 2023, il-Litwanja ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitolu REPowerEU f'konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241, lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tipproponi lill-Kunsill biex jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jikkunsidra li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki tal-RRP ippreżentati mil-Litwanja jikkonċernaw 46 (sub)miżura.

<sup>1</sup> ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

<sup>2</sup> ST 10477/21 INIT; ST 10477/21 ADD 1

- (5) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lil-Litwanja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Litwanja tieħu azzjoni biex tnaqqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija, tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli; issaħħaħ il-kura tas-saħħa, is-servizzi soċjali u ttejjeb l-akkomodazzjoni soċjali: u tkompli l-implimentazzjoni rapida tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni.
- (6) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

***Talba għal self ibbażata fuq l-Artikolu 14 tar-Regolament 2021/241***

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat mil-Litwanja jinkludi talba għal appoġġ fil-forma ta' self biex jappoġġa sitt miżuri.
- (8) Fil-komponent 2 (Trasformazzjoni Ekoloġika tal-Litwanja), il-Litwanja pproponiet li żżid riforma bil-għan li timmobilizza l-finanzi pubbliċi u privati biex jintlaħqu l-oġettivi ta' mitigazzjoni u ta' adattament tat-tibdil fil-klima u biex iżżid l-attrazzjoni tal-Litwanja għall-investituri fi prodotti finanzjarji ekoloġiċi. Dan ir-riżultat huwa mistenni li jinkiseb permezz tal-Pjan ta' Azzjoni Litwan għall-Finanzi Ekoloġiċi 2023-2026. Barra minn hekk, iċ-Ċentru għall-Għarfien u l-Finanzi Ekoloġiċi, li huwa azzjoni ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Ekoloġiċi 2023-2026, għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ekosistema ta' tikkettar sostenibbli fil-Litwanja abbażi ta' prattiki internazzjonali, jiżgura t-tixrid ta' informazzjoni rilevanti relatata mas-sostenibbiltà, jikkoordina l-kooperazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati u l-akkademja u jippromwovi lil-Litwanja fil-qasam tal-finanzi sostenibbli.
- (9) Fil-komponent 5 (L-Edukazzjoni Għolja, Qafas Koerenti biex jiġu Stimulati r-Riċerka u l-Innovazzjoni u n-Negozji b'Valur Miżjud Għoli), il-Litwanja pproponiet li żżid investiment li jipprevedi t-twaqqif ta' strument finanzjarju bil-għan li jipprovdi jew self sindakat u subordinat jew self dirett lil, fost l-oħrajn, intrapriżi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji industrijali ekoloġiċi u għall-iżvilupp industrijali b'valur miżjud għoli. L-investiment rilevanti huwa mmirat lejn in-negozji u għandu l-għan li jappoġġa l-koeżjoni soċjali u territorjali kif ukoll it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.
- (10) Fil-komponent 6 (Settur Pubbliku Effiċjenti u Prekondizzjonijiet għall-Irkupru Wara l-Pandemija), il-Litwanja tipproponi li żżid riforma biex ittejjeb l-akkwist pubbliku ċentralizzat permezz ta' Organizzazzjoni Ċentrali tax-Xiri, u investiment ġdid fil-forma ta' injezzjoni ta' kapital ta' EUR 150 miljun lil INVEGA (Istituzzjoni Nazzjonali Litwana għall-Promozzjoni) li huwa mistenni li jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament fil-Litwanja.
- (11) Fil-komponent 7 (Aktar Opportunitajiet għal Kulħadd biex b'Mod Aktiv Jibni l-Benesseri Nazzjonali b'mod Aktiv), il-Litwanja pproponiet li żżid riforma bil-għan li tnaqqas il-frammentazzjoni tal-ippjanar u t-twassil ta' servizzi soċjali, tal-impjiegi u servizzi relatati oħrajn kif ukoll li ttejjeb il-kompetenzi tal-ħaddiema soċjali

- (12) Fil-komponent 8 (REPowerEU), il-Litwanja pproponiet li żżid investment li jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' strument finanzjarju biex tippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli. L-investment jikkonsisti f'investment pubbliku f'Fond biex jipprovdi appoġġ fil-forma ta' self lil entitajiet privati, kif ukoll lil entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili, għat-tnedija tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-elettriku solari u eoliku fuq l-art.

***Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18(2) tar-Regolament 2021/241***

- (13) L-RRP modifikat ippreżentat mil-Litwanja jaġġorna żewġ submiżuri biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima li naqset minn EUR 2 224 195 119<sup>3</sup> għal EUR 2 099 135 822<sup>4</sup>. F'konformità mal-Artikolu 21c(2), l-Istati Membri li huma soġġetti għal tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima jistgħu jinkludu wkoll fil-kapitoli REPowerEU miżuri inklużi fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill diġà adottati mingħajr ma dawn ikollhom jizdedu, sa ammont ta' kostijiet stmati ugwali għal dak it-tnaqqis.
- (14) Fuq dik il-bażi, żewġ miri minn submiżura waħda u mira ta' submiżura oħra taħt il-komponent 2 (Trasformazzjoni Ekoloġika tal-Litwanja) huma modifikati mil-Litwanja. B'mod partikolari, din il-modifika tikkonċerna l-mira 23 u l-mira 24 dwar il-ħolqien ta' kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli fuq l-art (enerġija solari u mir-riħ) u faċilitajiet ta' ħżin individwali) bħala parti mill-investment B.1.1.2 u l-mira 49 fil-qasam tal-bini ta' dimostrazzjoni rinnovat bil-għan li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija (Aġġornament u ttestjar fil-prattika tal-pakketti u l-istandards tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-ħolqien ta' metodoloġija għall-iżvilupp ta' bliet sostenibbli) bħala parti mill-investment B.1.3.1. Il-miri 23 u 24 jenħtieġ li jitneħħew mis-submiżura B.1.1.2. U li jiġu introdotti għas-submiżura H.1.3.2 (REPowerEU). Barra minn hekk, il-mira 49 jenħtieġ li titneħħa mis-submiżura B.1.3.1. u tiġi introdotta fis-submiżura H.1.1.1 (REPowerEU). Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill jiġu emendati skont dan.

***Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241***

- (15) L-emendi tal-RRP ippreżentati mil-Litwanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 44 (sub)miżura.
- (16) Il-Litwanja spjegt li ħames (sub)miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba inflazzjoni għolja. Kemm l-inflazzjoni tal-prezzijiet kif ukoll dik tal-pagi fil-Litwanja kienu konsistentement għoljin bejn tmiem l-2021 u tmiem l-2022, li rriżulta f'żieda fil-kostijiet, pereżempju tal-kostruzzjoni u tat-tagħmir u b'hekk dan kellu effetti fuq l-iskedi ta' żmien u fuq il-livell ta' ambizzjoni tal-proġetti taħt l-RRP. Dan jikkonċerna, rispettivament, il-mira 20 tas-submiżura A.1.3.3 (Il-modernizzazzjoni tad-dipartimenti tal-emerġenza u tal-unitajiet ta' rianimazzjoni fl-isptarijiet reġjonali) taħt il-Komponent 1 (Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Valida għall-Futur), il-miri 53 u 54 tas-submiżura B.1.3.4 (Appoġġ għal rinnovazzjoni aktar rapida tal-bini f'konformità ma' standards aġġornati ta' rinnovazzjoni tal-bini), il-miri 55 u 56 tal-miżura B.1.4 (Żieda

<sup>3</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Litwanja, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

<sup>4</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Litwanja, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

fil-kapaċità ta' assorbiment tal-GHG) taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Ekoloġika tal-Litwanja), il-mira 98 tas-submiżura D.1.1.4 (Tishiĥ tal-kompetenzi tal-persunal pedagoġiku) taħt il-Komponent 4 (Edukazzjoni ta' Kwalità u Aċċessibbli għaċ-Ċiklu tal-Ħajja Kollu) u l-mira 189 tas-submiżura G.1.2.2 (L-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tad-diversità tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi, b'kontribuzzjoni għall-għanijiet tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari) taħt il-Komponent 7 (Aktor Opportunitajiet għal Kulħadd biex b'Mod Attiv Jibni l-Benesseri Nazzjonali). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li jiġu emendati l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (17) Il-Litwanja spjegat li tliet (sub)miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament, minħabba interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista. L-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u d-diffikultajiet korrispondenti fil-kisba ta' komponenti għall-implimentazzjoni tal-proġetti affettwaw b'mod qawwi l-produzzjoni u l-użu tal-bijofjuwils u tal-idroġenu ekoloġiku, l-installazzjoni ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi fit-trasport. Dan jikkonċerna, rispettivament il-miri 46 u 47 tas-submiżura B.1.2.4 (Għajnuna għall-iżvilupp tas-settur tal-karburanti minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (gass tal-bijometan, bijokarburanti likwidi tat-tieni ġenerazzjoni għat-trasport, u idroġenu nadif) taħt il-Komponent 2 (Trasformazzjoni Ekoloġika tal-Litwanja), il-miri 86, 87 u 88 tas-submiżura C.1.5.2 (Żvilupp ulterjuri ta' networks b'kapaċità għolja ħafna) u l-mira 90 tas-submiżura C.1.5.3 (Innovazzjoni fil-mobilità) taħt il-Komponent 3 (Trasformazzjoni Diġitali għat-Tkabbir). L-emendi proposti għas-submiżura C.1.5.2 (Żvilupp ulterjuri ta' networks b'kapaċità għolja ħafna) jirrappreżentaw ukoll alternattiva manifestament aħjar għall-implimentazzjoni tal-proġett. Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li temenda l-iskeda ta' żmien tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq u li tagħmel il-bidliet imsemmija hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.
- (18) Il-Litwanja spjegat li tliet (sub)miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament fil-perjodu ta' żmien inizjali minħabba ħtieġa mhux prevista li l-iżviluppaturi jirrevedu l-pjan inizjali tagħhom sabiex jissalvagwardjaw il-kwalità u s-sikurezza tal-proġett. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 7 tas-submiżura A.1.1.7 (Ħolqien ta' Ċentru għat-Terapiji Avvanzati), l-istadju importanti 10 tas-submiżura A.1.1.9 (L-Istabbiliment ta' Pjattaforma ta' Kompetenza tal-Professjonisti tas-Saħħa), il-mira 11 tas-submiżura A.1.1.10 (Żvilupp ta' mudell għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-kura tas-saħħa) taħt il-Komponent 1 (Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Valida għall-Futur). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadju importanti msemmi hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.
- (19) Il-Litwanja spjegat li tliet (sub)miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament, minħabba bidla fid-domanda tas-suq. Pereżempju, l-interess tal-muniċipalitajiet li jipparteċipaw fi proġetti bħal infrastruttura speċifika għal pagamenti mingħajr flus kontanti fl-iskejjel, id-domanda għal korsijiet tal-lingwa għal studenti barranin jew l-għadd ta' universitajiet li jipparteċipaw f'networks internazzjonali rriżultaw li kienu aktar baxxi milli mistenni. Dan jirrigwarda, rispettivament, il-miri 124 u 125 tas-submiżura E.1.1.3 (It-tishiĥ tal-kompetittività internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja), il-mira 130 tas-submiżura E.1.2.2 (Żieda fid-domanda għall-innovazzjoni fil-Litwanja billi jiġi sfruttat il-potenzjal tal-akkwist pubbliku) taħt il-Komponent 5 (L-Edukazzjoni Għolja, Qafas Koerenti biex jiġu Stimulati r-Riċerka u

l-Innovazzjoni u n-Negozji b'Valur Miżjud Għoli), u l-miri 159 u 160 tas-submiżura F.1.4.4 (Letteratura finanzjarja tal-kontribwenti futuri) taħt il-Komponent 6 (Settur Pubbliku Effiċjenti u Prekondizzjonijiet għall-Irkupru Wara l-Pandemija). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq jiġu emendati, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (20) Il-Litwanja spjegat li sitt (sub)miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu (totalment) fil-perjodu ta' żmien inizjali, minħabba dewmien fil-proċess tal-akkwist barra mill-kontroll tal-awtoritajiet nazzjonali. Dewmien bħal dan huwa riżultat ta', pereżempju, ostakli mhux previsti fl-akkwist tal-materjali meħtieġa, żidiet mhux previsti fil-prezzijiet tal-enerġija flimkien ma' nuqqas ta' produzzjoni lokali tal-enerġija rinnovabbli, jew nuqqas ta' parteċipazzjoni fis-suq li jiġġustifikaw il-ħtieġa li jiġi emendat l-ambitu tal-proċedura tal-akkwist pubbliku. Dan jikkonċerna, rispettivament, il-mira 19 tas-submiżura A.1.3.2 (Il-modernizzazzjoni taċ-Ċentri ta' għarfien espert fil-cluster ta' mard infettiv) taħt il-Komponent 1 (Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Valida għall-Futur), il-mira 22 tas-submiżura B.1.1.1 (Xogħol ta' tħejjija għall-iżvilupp ta' impjanti tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta u infrastruttura relatata), l-istadju importanti 30 tal-miżura B.1.2 (Nimxu mingħajr ma nniġġsu l-ambjent), il-mira 52 tas-submiżura B.1.3.3 (Il-promozzjoni tal-provvista ta' prodotti u servizzi tal-kostruzzjoni li jħaffu r-rinnovazzjoni tal-bini) taħt il-Komponent 2 (Transformazzjoni Ekoloġika tal-Litwanja), l-istadju importanti 138 tas-submiżura F.1.1.1 (L-istabiliment ta' sistema avvanzata għall-immaniġġjar tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku) taħt il-Komponent 6 (Settur Pubbliku Effiċjenti u Prekondizzjonijiet għall-Irkupru Wara l-Pandemija), il-mira 187 tas-submiżura G.1.2.1 (Ottimizzazzjoni u titjib tal-proċessi operattivi tas-servizzi tal-impjiegi, li jiżguraw orjentazzjoni sistematika tal-konsumatur) taħt il-Komponent 7 (Aktor Opportunitajiet għal Kulħadd biex b'Mod Attiv Jibni l-Benesseri Nazzjonali). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li jiġu emendati l-istadji importanti msemmija hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.
- (21) Il-Litwanja spjegat li għal 24 (sub)miżura r-reviżjonijiet proposti jikkostitwixxu alternattiva manifestament aħjar għall-implimentazzjoni tal-proġett. Instabu modi aktar effiċjenti biex jiġu implimentati l-istess miżuri, li b'riżultat tagħhom tnaqqsu l-kostijiet, l-iskadenzi ġew antiċipati jew l-ambitu u l-ambizzjoni tal-miżuri żdiedu. Dan jikkonċerna, rispettivament, l-istadju importanti 1 tas-submiżura A.1.1.1 (Qafas leġiżlattiv li jirregola l-organizzazzjoni, il-ġestjoni u l-forniment ta' servizzi ta' ambulanza), id-deskrizzjoni tas-submiżura A.1.1.11 (Diġitalizzazzjoni tas-settur tal-kura tas-saħħa) taħt il-Komponent 1 (Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u valida għall-futur), il-miri 31, 32 u 33 tas-submiżura B.1.2.1. (Appoġġ għax-xiri ta' vetturi nodfa mis-settur pubbliku u n-negozju), il-mira 36 tas-submiżura B.1.2.2 (Appoġġ għax-xiri ta' vetturi tat-trasport pubbliku mingħajr emissjonijiet), il-mira 41 tas-submiżura B.1.2.3 (Installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi/tal-mili tal-fjuwil alternattiv) u l-mira 51 tas-submiżura B.1.3.2 (Għodod li jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-bini u l-assistenza teknika) taħt il-Komponent 2 (Transformazzjoni Ekoloġika tal-Litwanja), l-istadji importanti 59 u 60, il-miri 61, 62 u 63 tas-submiżura C.1.1 (Transformazzjoni tal-governanza tat-teknoloġija tal-informazzjoni pubblika), il-mira 67 tas-submiżura C.1.2 (L-iżguraw tal-effettività tal-ġestjoni tad-*data* u tad-*data* miftuħa), id-deskrizzjoni tas-submiżura C.1.3 (Servizzi orjentati lejn il-klijent), l-istadju importanti 74 u l-mira 75 tas-submiżura C.1.4.1 (Żvilupp tar-riżorsi teknoloġiċi tal-lingwa Litwana), l-istadju importanti 76 u l-mira 77 tas-submiżura C.1.4.2 (Diġitalizzazzjoni u aċċessibbiltà tar-riżorsi kulturali), u l-mira 82 tas-submiżura

C.1.4.5 (Ċentru ta' Eċċellenza tal-ICT) taħt il-Komponent 3 (Trasformazzjoni Diġitali għat-Tkabbir), id-deskrizzjoni tal-miżura D.1.1 (Edukazzjoni Ġenerali Moderna – Sfond għal Kompetenzi Kompetittivi), l-istadju importanti 99 tas-submiżura D.1.1.4 (Tisħiħ tal-kompetenzi tal-għalliema, tad-deputati u l-maniġers), l-istadju importanti 115 tas-submiżura D.1.4.2 (Valutazzjoni tal-kompetenzi) taħt il-Komponent 4 (Edukazzjoni ta' Kwalità u Aċċessibbli għaċ-Ċiklu tal-Ħajja Kollu), il-mira 131 tas-submiżura E.1.2.3. (It-trawwim tal-iżvilupp tal-ekosistema ta' negozji ġodda) taħt il-Komponent 5 (L-Edukazzjoni Għolja, Qafas Koerenti biex Jiġu Stimulati r-Riċerka u l-Innovazzjoni u n-Negozji b'Valur Miżjud Għoli), id-deskrizzjoni tal-miżura F.1.1. (Settur Pubbliku Effiċjenti), l-istadju importanti 139 tas-submiżura F.1.1.2 (L-istabbiliment ta' mekkaniżmu ċentralizzat għall-iżvilupp tal-kompetenzi tal-maniġers fis-settur pubbliku), l-istadju importanti 140 u l-mira 141 tas-submiżura F.1.1.3 (L-istabbiliment ta' qafas għall-iżvilupp tal-kompetenzi strateġiċi fis-settur pubbliku), l-istadji importanti 148 u 149 tas-submiżura F.1.3.1 (Titjib fil-qafas baġitarju), l-istadju importanti 150 tas-submiżura F.1.3.2 (Rieżami tal-infiq), l-istadju importanti 154 tas-submiżura F.1.3.5 (Konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet nazzjonali tal-iżvilupp) taħt il-Komponent 6 (Settur Pubbliku Effiċjenti u Prekondizzjonijiet għall-Irkupru Wara l-Pandemija), l-istadju importanti 164 tal-miżura F.1.5 (Għodod disponibbli għan-negozji biex jimmaniġġjaw ir-riskju ta' insolvenza) taħt il-Komponent 6 (Settur Pubbliku Effiċjenti u Prekondizzjonijiet għall-Irkupru Wara l-Pandemija), u l-istadju importanti 184 tas-submiżura G.1.1.2 (Miżuri addizzjonali biex jiżdedu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-benefiċċji soċjali) taħt il-Komponent 7 (Aktar Opportunitajiet Għal Kulħadd biex b'Mod Attiv Jibni l-Benesseri Nazzjonali). Abbażi ta' dan, il-Litwanja talbet li jiġu emendati l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq u li tagħmel il-bidliet imsemmija hawn fuq, u jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata skont dan.

- (22) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mil-Litwanja jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-emenda skont l-Artikolu 21(2) ta' dak ir-Regolament.

### ***Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali***

- (23) Ġew identifikati żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw disa' stadji importanti u miri u 17-il (sub)miżura. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fl-14 ta' Mejju 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Litwanja. Dawn l-iżbalji klerikali huma relatati mal-istadju importanti 2 tas-submiżura A.1.1.2 (Żvilupp tas-sistema tas-saħħa diġitali li tiffaċilita l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa), l-istadju importanti 4 tas-submiżura A.1.1.4. (L-istabbiliment ta' mudell bażiku għat-tweqqiq tas-servizz tas-saħħa pubblika), il-mira 8 u l-mira 9 tas-submiżura A.1.1.8 (Ħolqien ta' ġabra rappreżentattiva ta' *data* dwar il-ġenomi ta' referenza bħala parti mill-proġett tas-saħħa "Genome Europe"), il-miżura A.1.2 (Forniment ta' servizzi ta' kura fit-tul) u l-istadju importanti 15 tas-submiżura A.1.2.1 (Adozzjoni tal-mudell tal-kura fit-tul) taħt il-Komponent 1 (Sistema tas-Saħħa Reżiljenti u Valida għall-Futur), is-submiżura C.1.4.3 (Produzzjoni ta' kontenut u riżorsi tal-edukazzjoni diġitali), is-submiżura C.1.4.4 (Strumenti finanzjarji għall-ħolqien tan-negozju u għall-innovazzjoni diġitali), is-submiżura C.1.5.1 (Pjan direzzjonali 5G), is-submiżura D.1.1.3. (Programm tal-iskejjel tal-millennju), is-submiżura D.1.1.7 (Titjib tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal), il-miżura D.1.4. (Kompetenzi għat-Trasformazzjoni Ekoloġika u Diġitali Miksuba fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali), is-submiżura D.1.4.1. (Pjattaforma

Nazzjonali għall-progress tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali), u s-submiżura D.1.4.4. (Programm ta' Mobilità) taħt il-Komponent 4 (Edukazzjoni ta' Kwalità u Aċċessibbli għaċ-Ċiklu tal-Ħajja Kollu), il-mira 123 tas-submiżura E.1.1.2 (It-titjib tal-effiċjenza tan-network tal-edukazzjoni għolja billi jiġu rfinati l-missjonijiet tal-universitajiet u l-kulleġġi) taħt il-Komponent 5 (L-Edukazzjoni Għolja, Qafas Koerenti biex Jiġu Stimulati r-Riċerka u l-Innovazzjoni u n-Negozji b'Valur Miżjud Għoli), l-istadju importanti 153 tas-submiżura F.1.3.4 (Il-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-privati), l-istadju importanti 175 tas-submiżura F.1.7.1. (Il-ħolqien ta' soluzzjoni li tippermetti l-irċevuti elettroniċi) taħt il-Komponent 6 (Settur Pubbliku Effiċjenti u Prekondizzjonijiet biex Jirkopru Wara l-Pandemija), u l-istadju importanti 180 tas-submiżura G.1.1.1 (Studju dwar l-iskema ta' introjtu minimu u bidliet relatati fil-leġiżlazzjoni) taħt il-Komponent 7 (Aktar Opportunitajiet għal Kulħadd biex b'Mod Attiv Jibni l-Benesseri Nazzjonali). Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

### ***Il-kapitolu REPowerEU bbażat fuq l-Artikolu 21c tar-Regolament 2021/241***

- (24) Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi riforma waħda u tliet investimenti.
- (25) Ir-riforma (H.1.3.) għandha l-għan li ttejjeb l-ambjent tal-investiment għall-iżviluppaturi ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, ir-riforma għandha l-għan li tissimplifika u tħaffef il-proċeduri ta' permessi u proċeduri amministrattivi oħrajn, inkluż billi tnaqqas l-għadd ta' permessi meħtieġa, tqassar il-perjodu ta' żmien għall-kisba tagħhom u tirregola l-impjanti tal-enerġija ibridi (H.1.3.1.). B'mod addizzjonali, ir-riforma hija mistennija tikkontribwixxi biex tinkiseb ġenerazzjoni tal-elettriku sħiħa kollha kemm hi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-Litwanja billi jiġu analizzati diversi xenarji ta' mmudellar u jiġi żviluppata mudell ta' trasformazzjoni tas-settur elettriku Litwan. Barra minn hekk, ir-riforma għandha l-għan li tipprovdi appoġġ lill-entitajiet legali, lill-bdiewa, lill-komunità tal-enerġija rinnovabbli jew komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadin għall-akkwist u l-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija solari u mir-riħ fuq l-art, filwaqt li tagħti prijorità lill-awtokonsum, lill-biedja u lill-ħtiġijiet ekonomiċi (H.1.3.2.). Ir-riforma tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-oġettivi tar-REPowerEU, kif stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) u (e) tar-Regolament (UE) 2021/241, permezz ta' proposti dwar l-azzjonijiet meħtieġa biex tiġi żviluppata aktar il-kapaċità Litwana tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli, proposti biex jinkiseb ekwivalenti ta' 100 % tal-konsum nazzjonali totali tal-elettriku ġġenerat minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u billi tipprovdi appoġġ għall-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli,
- (26) Il-Kapitolu tar-REPowerEU jżid il-finanzjament għar-rinnovazzjoni ta' bini b'aktar minn appartament wieħed, li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini u jnaqqas il-kostijiet tat-tiħin għar-residenti. B'dan il-mod, jikkontribwixxi sa ċertu punt lejn it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku ta' spiss esperjenzat minn gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati.
- (27) L-investimenti ġodda fl-ambitu tal-Kapitolu REPowerEU jinkludu: (i) l-appoġġ biex tiġi aċċellerata r-rinnovazzjoni tal-bini (H.1.1), (ii) l-appoġġ għax-xiri ta' vetturi nodfa biex jintużaw fl-ilmijiet navigabbli interni (H.1.2.), (iii) l-appoġġ fil-forma ta' self biex iżid il-kapaċità ta' ġenerazzjoni minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli (H.3.1.). L-ewwel investiment (H.1.1.) jinkludi żewġ elementi: (i) aġġornament u ittestjar fil-prattika tal-pakketti u l-istandards ta' rinnovazzjoni tal-bini (H.1.1.1.); u (ii) appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini b'aktar minn appartament wieħed biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika (għall-klassi A) (H.1.1.2.). L-ewwel element (H.1.1.1) jikkonsisti fi proġetti

ta' dimostrazzjoni ta' rinnovazzjoni ekoloġika, bl-użu ta' sistemi ta' iżolament industrijalizzati ġodda mmuntati bis-sħana minn materja prima organika, kif ukoll teknoloġiji ta' mmudellar tal-informazzjoni tal-bini li jikkombinaw il-proċessi kollha ta' kostruzzjoni. Fl-ambitu tat-tieni element (H.1.1.2.), l-appoġġ huwa pprovdut fil-forma ta' kumpens ta' medja ta' mill-inqas 30 % tan-nefqa fuq ix-xogħlijiet, il-kumpens ta' self li għandu rata ta' imġax oġġla minn 3 %, u kumpens ta' 100 % tan-nefqa mġarrba għall-assistenza teknika, li tinkludi l-kostijiet tat-tnejjija, tal-amministrazzjoni u tal-manutenzjoni tal-proġetti. It-tieni investiment (H.1.2) jappoġġa x-xiri u l-konsenja ta' tagħmir meħtieġ għat-trasport f'passaġġi fuq l-ilma interni b'emissjonijiet żero. It-tielet investiment (H.3.1.) jikkonsisti f'appoġġ fil-forma ta' self lil entitajiet kummerċjali (inklużi entitajiet pubbliċi involuti f'attivitajiet simili bħall-entitajiet privati) biex jinvestu fi proġetti li jappoġġaw il-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (solari u eolika).

- (28) L-investimenti msemmija hawn fuq huma mistennija li jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-oġġettivi fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b), (c) u (e) tar-Regolament (UE) 2021/241, billi jipprovdu appoġġ għal soluzzjonijiet tat-trasport b'emissjonijiet żero, u billi jipprovdu appoġġ fil-forma ta' self għall-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli.
- (29) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament 2021/241.

#### ***Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastri***

- (30) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-Anness V, il-kriterju 2.1 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokazzjoni finanzjarja għalih.
- (31) Il-Kummissjoni tqis li l-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU, għandu impatt pożittiv fuq il-kontribut tal-RRP għall-ewwel pilastru dwar it-tranżizzjoni ekoloġika, peress li l-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi kważi 100 % għall-oġġettivi ekoloġiċi. Għall-pilastri l-oħra, in-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-pjan billi jirrappreżentaw fil-biċċa l-kbira rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u lanqas fuq il-kontribut xieraq tiegħu għas-sitt pilastri kollha msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/241. Rigward il-pilastru tat-tranżizzjoni ekoloġika, l-RRP modifikat tal-Litwanja, inkluż il-kapitolu REPowerEU, ikompli jindirizza l-isfidi ekoloġiċi, b'mod partikolari fl-ambitu tal-Komponent 2 (Trasformazzjoni Ekoloġika tal-Litwanja) u tal-Komponent 8 miżjud ġdid (il-kapitolu REPowerEU). Fl-ambitu tal-Komponent 2, l-RRP modifikat iżid il-livell ta' ambizzjoni ta' xi investimenti eżistenti, jiġifieri fil-qasam tat-trasport. Il-komponent jinkludi wkoll riforma ġdida dwar il-promozzjoni ta' finanzjament ekoloġiku permezz ta' Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Ekoloġiċi. Din ir-riforma tinkludi wkoll il-ħolqien ta' Ċentru ta' Għarfien u Kompetenzi dwar il-Finanzi Ekoloġiċi. Fl-ambitu tal-Komponent 8, il-miżuri dwar il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, l-użu tal-enerġija rinnovabbli, ir-rinnovazzjonijiet tal-bini b'diversi appartamenti u l-proġetti pilota ekoloġiċi għar-rinnovazzjoni tal-bini, kif ukoll it-trasport nadif f'passaġġi fuq l-ilma

interni jikkontribwixxu għall-kisbatal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 u għall-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.

***L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż***

- (32) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (Klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil-Litwanja, inklużi l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f'dokumenti rilevanti oħrajn adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (33) B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati formalment mill-Kunsill qabel il-preżentazzjoni tiegħu. Hekk kif id-daqs tal-pjan żdied wara talba għal self addizzjonali, ir-rakkomandazzjonijiet strutturali kollha tal-2022 u l-2023 huma kkunsidrati fil-valutazzjoni kumplessiva.
- (34) Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti kollha fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-RRP nazzjonali modifikat, il-Kummissjoni ssib li r-rakkomandazzjoni dwar il-konsolidazzjoni tal-aġenziji ta' implimentazzjoni fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni (2019.3.8) ġiet implimentata bis-sħiħ. Inkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi fuq l-impjiegi (2020.2.1), dwar it-tisħiħ tal-investment biex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir (2021.1.3), dwar l-espansjoni tal-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija (2022.1.2) u dwar l-iżgurar ta' kapaċità suffiċjenti ta' interkonnessjonijiet tal-enerġija (2022.4.5).
- (35) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali rilevanti kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil-Litwanja mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Għalkemm il-pjan modifikat jipproponi xi bidliet sostanzjali tal-miżuri attwali, dawn ma jaffettwawx il-valutazzjoni preċedenti tal-kopertura ta' subsett sinifikanti tal-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019 u l-2020.
- (36) Il-miżuri ewlenin fl-RRP modifikat, inkluż fil-kapitolu REPowerEU, jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ambizzjoni tal-pjan fir-rigward tas-CSR 4 tal-2022 biex titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, jiżdiedu l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, tat-trasport u tal-bini, u tiġi żgurata kapaċità suffiċjenti ta' interkonnessjonijiet tal-enerġija, u fir-rigward tas-CSR 4 tal-2023 biex titnaqqas aktar id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u l-enerġija importata billi jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u jiżdiedu l-isforzi ta' politika mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.
- (37) B'mod partikolari, l-investimenti ġodda u r-riformi għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi ewlenin relatati mat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u l-promozzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Jenħtieġ li l-investment fl-istrument finanzjarju li għandu l-għan li jżid il-kapaċità tal-produzzjoni minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxi għall-kapaċità suffiċjenti tal-interkonnessjonijiet tal-enerġija permezz ta' żieda fil-ġenerazzjoni tal-elettriku fil-pajjiż. Il-bidliet leġiżlattivi

proposti fir-riforma tal-kapitolu REPowerEU li għandhom l-għan li jissimplifikaw u jħaffu l-proċeduri tal-permessi u proċeduri amministrattivi oħrajn, inkluż billi jitnaqqas l-għadd ta' permessi meħtieġa, jitqassar il-perjodu ta' żmien għall-kisba tagħhom u jiġu regolamentati l-impjanti tal-enerġija ibridi jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jiġu żgurati kapaċità u aċċess suffiċjenti għall-grilja. Barra minn hekk, l-investment akbar biex jiġu appoġġati r-rinnovazzjonijiet tal-bini b'diversi appartamenti se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiżdedu l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tal-bini, u b'hekk jikkontribwixxi wkoll sa ċertu punt għattnaqqis tal-faqar enerġetiku. Fl-aħħar nett, il-pjan modifikat jinkludi investment f'mobbiltà nadifa mmirat lejn ix-xiri ta' vetturi nodfa għal passaġġi fuq l-ilma interni li huwa mistenni li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.

- (38) Minbarra l-kapitolu REPowerEU, il-pjan modifikat jinkludi wkoll diversi riformi ġodda mmirati biex jindirizzaw sa ċertu punt subsett tas-CSRs tal-2022 u tal-2023. L-ewwel nett, fir-rigward tas-CSR dwar iż-żieda fil-kwalità u t-titjib tal-ippjanar u t-twassil tas-servizzi soċjali, il-RRP jinkludi riforma mmirata lejn it-titjib tal-kwalità, l-integrazzjoni u l-personalizzazzjoni tas-servizzi soċjali u tal-impjiegi. It-tieni, fir-rigward tas-CSR 1 tal-2022 dwar it-trawwim tal-akkwist pubbliku kooperattiv fil-livelli tal-gvern ċentrali u tal-muniċipalitá, il-pjan jinkludi riforma mmirata lejn l-espansjoni tal-lista ta' prodotti li jistgħu jinxtraw permezz tal-Organizzazzjoni Ċentrali tax-Xiri (CPO, Central Purchasing Organisation) u t-tnejn ta' pjan għaċċentralizzazzjoni tal-akkwist pubbliku tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tas-saħħa.

***Il-kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali***

- (39) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-l-Anness V, il-kriterju 2.3 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jkollu impatt għoli (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Litwanja, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (40) Il-valutazzjoni inizjali tal-RRP, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3 tar-Regolament (UE) 2021/241 sabet li l-RRP huwa mistenni jkollu impatt għoli (Klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Litwanja, fuq il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk isaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (41) Is-simulazzjonijiet stilizzati mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li, meta mqabbla max-xenarju bażi fl-RRP oriġinali, l-interventi l-ġodda ffinanzjati mis-self tal-Faċilitá għall-Irkupru u r-Reżiljenza se jirriżultaw f'livell oġhla ta' PDG ta' 0,4 % bħala medja matul il-perjodu 2024-2027, indipendentement mill-impatt pożittiv li jista' jkollhom ir-riformi strutturali inklużi jew miżuri ġodda oħra ffinanzjati mill-għotja. L-effetti tal-aħħar ġew inkorporati fil-projezzjonijiet tal-Litwanja u, skont l-informazzjoni ppreżentata fit-talba għal emenda tal-Litwanja, l-interventi l-ġodda inklużi fl-RRP modifikat se jirriżultaw f'livell oġhla ta' PDG ta' 0,97 % bħala medja, jew EUR 492,5 miljun fis-sena, matul il-perjodu 2023-2027. Il-projezzjonijiet tal-Litwanja juru wkoll

impatt soċjali pożittiv modest tal-miżuri l-ġodda inklużi fl-RRP modifikat (ir-rata tal-impjiegji hija pproġettata li tiżdied b' 0,32 %) u impatt fiskali kemxejn negattiv (l-effett fuq il-bilanċ baġitarju tal-gvern estiż huwa stmat li jkun -0,27 % tal-PDG) matul il-perjodu 2023-2027.

- (42) Ir-riformi u l-investimenti li għadhom kif ġew introdotti fil-pjan modifikat jikkontribwixxu għall-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-indipendenza enerġetika, li mistennija jkollhom impatt pożittiv fuq il-potenzjal tat-tkabbir tal-Litwanja kif ukoll fuq ir-reżiljenza ekonomika u istituzzjonali tagħha. L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jintroduċi fl-ambitu tal-Investment 2 tal-komponent E.2 strument finanzjarju li jipprovdi self lill-intrapriżi biex jakkwistaw u jiżviluppaw teknoloġiji ekoloġiċi u ta' valur miżjud għoli għall-iżvilupp industrijali. Peress li l-miżura hija mistennija li timmira primarjament lejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u intrapriżi akbar f'setturi b'diffikultajiet biex jiksbu għajjnuna finanzjarja minn istituzzjonijiet finanzjarji tradizzjonali, jenħtieġ li hija timmobilizza l-finanzjament meħtieġ u ssaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija Litwana.
- (43) Fir-rigward tal-impatt soċjali tal-pjan modifikat, ir-riforma ewlenija ffukata fuq is-servizzi soċjali hija r-Riforma 1 tal-komponent G.3 dwar it-titjib tal-kwalità tas-servizzi soċjali u tal-impjiegji. Bl-għan li tnaqqas il-frammentazzjoni tal-ippjanar u t-twassil ta' tali servizzi, ir-riforma hija mistennija li tindirizza dgħufija tas-sistema attwali tal-protezzjoni soċjali. Ir-riforma kollha kemm hi mistennija li ssaħħaħ l-impatt soċjali tal-pjan u żżid il-kontribut tiegħu għall-koeżjoni soċjali.

#### ***La tagħmilx ħsara sinifikanti***

- (44) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (Klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investment inklużi f'dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> (il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti").
- (45) Il-pjan modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jivvaluta l-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (2021/C 58/01). Il-valutazzjoni ssir b'mod sistematiku għal kull riforma u investment modifikati skont l-approċċ f'żewġ stadji. Il-valutazzjoni tikkonkludi li għall-miżuri modifikati kollha, jew ma hemm l-ebda riskju ta' ħsara sinifikanti jew, fejn jiġi identifikat riskju, titwettaq valutazzjoni aktar dettaljata li turi n-nuqqas ta' ħsara sinifikanti. Il-Litwanja rrappurtat dwar il-valutazzjoni dettaljata għall-miżuri l-ġodda, inklużi dawk fil-kapitolu REPowerEU. L-ebda waħda mill-miżuri fil-kapitolu REPowerEU ma kienet teħtieġ deroga mill-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti". Fejn meħtieġ, ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" huma minquxa fit-tfassil ta' miżura u speċifikati fi stadju importanti jew mira ta' din il-miżura. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista' jiġi konkluż li l-ebda miżura ma hija mistennija tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

### ***Kontribut għall-objettivi tar-REPowerEU***

- (46) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u mal-Anness V, il-kriterju 2.12, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, għad-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, għal żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, għal żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew għat-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.
- (47) L-objettiv stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (b) dwar it-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika fil-bini u fl-infrastruttura kritika tal-enerġija, id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, iż-żieda fil-produzzjoni u l-użu ta' bijometan sostenibbli u tal-idroġenu rinnovabbli jew ħieles mill-fjuwils fossili, u ż-żieda fis-sehem u l-aċċellerazzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli huwa mistenni li jiġi indirizzat permezz tar-riforma H.1.3.1. li għandha l-għan li tissimplifika u tħaffef il-proċeduri tal-permessi u proċeduri amministrattivi oħrajn, inkluż billi tnaqqas l-għadd ta' permessi meħtieġa, tqassar il-perjodu ta' żmien għall-kisba tagħhom u tirregola l-impjanti tal-enerġija ibridi, u b'hekk taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, ir-riforma H.1.3.2. għandha l-għan li tipprovdi appoġġ lill-entitajiet ġuridiċi, lill-bdiewa, lill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jew lill-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini għall-akkwist u l-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija solari u mir-riħ fuq l-art, filwaqt li tipprijoritizza l-awtokonsum, il-ħtiġijiet tal-azjendi agrikoli jew ekonomiċi, u b'hekk taċċellera wkoll l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, il-kapitolu REPowerEU fih investiment (H.3.1.) li jipprovdi appoġġ fil-forma ta' self lil entitajiet kummerċjali (inklużi entitajiet pubbliċi involuti f'attivitajiet simili bħall-entitajiet privati) biex jinvestu fi proġetti li jappoġġaw il-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli (solari u mir-riħ), u b'hekk jaċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kapitolu tar-REPowerEU jinkludi wkoll investiment (H.1.1), li għandu l-għan li jżid il-pass tal-proċess ta' rinnovazzjoni tal-bini permezz tal-aġġornament u l-ittestjar fil-prattika tal-pakketti u l-istandards ta' rinnovazzjoni tal-bini, u l-appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini, u b'hekk jagħti spinta lill-effiċjenza enerġetika fil-bini.
- (48) L-objettiv stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (c) dwar il-faqar enerġetiku huwa mistenni li jiġi indirizzat permezz ta' miżura li tipprovdi appoġġ għar-rinnovazzjoni ta' bini b'aktar minn appartament wieħed, li ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini u tnaqqas il-kostijiet tat-tisħin għar-residenti. Din tikkontribwixxi sa ċertu punt lejn it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku li spiss jesperjenzaw gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati.
- (49) L-objettiv stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (e) dwar l-indirizzar tal-konġestjonijiet interni u transfruntiera tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, l-appoġġ għall-ħżin tal-elettriku u l-aċċellerazzjoni tal-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u l-appoġġ għat-trasport b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tiegħu, inkluż il-ferroviji, huwa mistenni li jiġi indirizzat permezz tar-riforma H.1.3.1. li mistennija tikkontribwixxi biex jintlaħaq 100 % tal-elettriku ġġenerat minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-Litwanja billi tanalizza diversi xenarji ta' mmudellar u jiġi żviluppat mudell ta' trasformazzjoni tas-settur tal-elettriku Litwan, u b'hekk tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet interni u transfruntiera fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija. Barra minn hekk, il-kapitolu REPowerEU fih investiment (H.1.2.) li mistenni jnaqqas l-użu tat-trasport bit-triq tal-merkanzija billi jinkoraġġixxi trasport alternattiv u aktar nadif tal-merkanzija u ta' tipi oħra ta' merkanzija fuq l-ilma, u b'hekk jappoġġa t-trasport b'emissjonijiet żero u l-infrastruttura tiegħu.

- (50) Il-miżuri tar-REPowerEU għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jżidu s-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Il-miżuri jsaħħu wkoll dawk inklużi fl-RRP oriġinali dwar l-effiċjenza enerġetika u r-rinnovazzjoni tal-bini u huma mistennija jikkontribwixxu għal żieda fl-użu tas-sorsi ta' enerġija u tnaqqis fid-domanda għall-enerġija.
- (51) Ir-riforma fil-kapitolu REPowerEU li għandha l-għan li tissimplifika r-rekwiżiti amministrattivi għall-użu ta' kapaċità ġdida tal-enerġija rinnovabbli hija mistennija li ssaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija tal-Litwanja permezz ta' emendi għal-Liġi dwar l-Elettriku u l-Liġi dwar l-Enerġija Rinnovabbli. L-aktar emendi rilevanti huma d-definizzjoni u r-regolamentazzjoni tal-impjanti tal-enerġija ibridi, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-varar tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll il-perjodu ta' żmien iqsar biex dawn jinkisbu. Ir-riforma tal-Litwanja tas-sistema ta' permessi għall-proġett tal-enerġija rinnovabbli hija mistennija li tnaqqas l-ostakli amministrattivi u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili.
- (52) Barra minn hekk, il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU huma koerenti mal-isforzi tal-RRP oriġinali tal-Litwanja biex tipromwovi d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi żżid l-użu tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli, il-proċess ta' rinnovazzjoni tal-bini, u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport.
- (53) Il-kapaċità u l-flessibilità tal-grilja tal-elettriku huma ostaklu għall-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għaż-żieda fl-effiċjenza, l-affidabilità u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Għalhekk, l-investimenti fil-konstruzzjoni ta' impjanti tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fuq l-art u faċilitajiet ta' ħżin individwali mill-kapitolu REPowerEU tal-Litwanja huma mistennija, fil-biċċa l-kbira, li jagħmlu l-grilja aktar adatta għall-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għall-provvista ta' enerġija soda, flessibbli u b'rispons rapidu.
- (54) Għall-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

***Miżuri b'dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali***

- (55) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-Anness V, il-kriterju 2.13, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) li jkollhom dimensi jn jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (56) Il-kapitolu REPowerEU jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u għat-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija. B'mod partikolari, il-maġġoranza tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU għandhom dimensi jn jew effett multinazzjonali jew transfruntier. L-appoġġ għall-investment biex tiżdied il-kapaċità għall-ġenerazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u studju ta' akkumpanjament dwar it-tranżizzjoni tas-sistema tal-elettriku tal-Litwanja lejn 100 % enerġija rinnovabbli fl-aħħar mill-aħħar se jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-elettriku u d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Il-miżuri huma mistennija wkoll inaqqsu d-dipendenza tat-trasport tal-Litwanja fuq il-fjuwils fossili. Jenħtieġ li jingħata appoġġ għall-investment biex tiġi stabbilita l-infrastruttura meħtieġa għat-trasport nadif ta' merkanzija tqila permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni, li huwa mistenni li

jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku u għat-tnaqqis tad-domanda tal-fjuwils fossili importati. Barra minn hekk, jenħtieġ li jingħata appoġġ għall-investment għar-rinnovazzjoni ta' bini b'aktar minn appartamenti wieħed, u b'hekk tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tas-settur tal-akkomodazzjoni tal-Litwanja. Dan huwa mistenni jnaqqas id-domanda għall-enerġija ta' bini bħal dan u b'hekk id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.

- (57) Il-kostijiet stmati ta' dawn il-miżuri li għandhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali inklużi fil-Kapitolu REPowerEU jirrappreżentaw 100 % tal-kostijiet totali stmati tal-kapitolu tar-REPowerEU u jiġġustifikaw il-klassifikazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU bħala mistennija li jkollhom, fil-biċċa l-kbira, dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.

#### ***Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità***

- (58) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 40 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP u 99 % tal-istima tal-kostijiet totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI ta' dak ir-Regolament. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (59) L-RRP modifikat jinkludi riformi u investimenti li huma mistennija jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, u jindirizzaw ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż kif ukoll il-kisba tal-mira klimatika tal-Unjoni sal-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050. Pereżempju, il-miżuri ambjentali u ta' adattament għat-tibdil fil-klima fil-pjan se jiffinanzjaw it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-torbieri, it-trasport sostenibbli u l-effiċjenza fir-riżorsi. Minbarra l-miżuri fl-RRP oriġinali, il-miżuri fil-kapitolu REPowerEU tal-Litwanja jiffukaw fuq l-aċċellerazzjoni tal-użu tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u s-sostenibbiltà tat-trasport u t-tranżizzjoni ġenerali lejn l-indipendenza enerġetika. Dawn il-miżuri huma mistennija jkollhom impatt dejjiemi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika billi jaċċelleraw l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili lejn sistema ta' enerġija sostenibbli dejjiema fil-Litwanja.

#### ***Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali***

- (60) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 23 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikat, inkluż self, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (61) Il-valutazzjoni pożittiva tal-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali pprovduta fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2021 tibqa' valida. L-RRP modifikat jinvolvi ż-żieda tal-miżuri mmirati lejn it-tiġid tal-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà tal-Istat. Il-miżuri jinkludu l-adozzjoni ta' Programm Nazzjonali għall-Iżvilupp taċ-Ċibersigurtà, l-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ taċ-ċibersigurtà u t-tiġid tal-kapaċità biex tiġi investigata ċ-ċiberkriminalità. Dawn il-miżuri huma kkomplementati

minn investiment fiż-żieda tal-livell tal-edukazzjoni fiċ-ċibersigurtà tal-persunal li jaħdem fis-settur pubbliku. Il-miżuri l-oħra kollha rigward it-tranżizzjoni diġitali jibqgħu ma jinbidlux fl-RRP modifikat.

### ***Impatt dejjiemi***

- (62) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jkollu impatt dejjiemi fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) fuq il-Litwanja.
- (63) Il-valutazzjoni inizjali tal-RRP, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-Anness V, il-kriterju 2.7, tar-Regolament (UE) 2021/241 sabet li l-RRP kien mistenni li fil-biċċa kbira jkollu impatt dejjiemi fuq il-Litwanja (Klassifikazzjoni A).
- (64) Investimenti ġodda inklużi fl-RRP modifikat inkluż kapitolu tar-REPowerEU huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi fuq il-Litwanja peress li se jindirizzaw l-isfidi strutturali identifikati mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. L-investimenti taħt il-kapitolu REPowerEU jiffokaw fuq il-bini ta' kapaċitajiet ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-bini u jappoġġaw ix-xiri ta' trasport b'emissjonijiet zero netti. Il-miżuri huma mistennija li jkollhom impatt pożittiv dejjiemi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika tal-Litwanja, billi jtejbu s-sigurtà u l-affordabbiltà tal-enerġija fit-tul.
- (65) Riformi ġodda inklużi fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huma mistennija li jkollhom impatt fit-tul fuq il-Litwanja, peress li se jindirizzaw l-isfidi strutturali identifikati mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Ir-riformi miżjuda fl-oqsma tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli li jippermettu finanzi ekoloġiċi huma mistennija jkollhom impatt dejjiemi fuq it-tranżizzjoni ekoloġika tal-Litwanja, billi jiffaċilitaw u jaċċelleraw it-tnedija tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tagħha. Ir-riforma tas-servizz soċjali hija mistennija wkoll li tikkontribwixxi biex tiżied il-kwalità u l-personalizzazzjoni tas-servizzi soċjali tal-pajjiż.

### ***Monitoraġġ u implimentazzjoni***

- (66) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-Anness V, il-kriterju 2.8, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (67) L-RRP inizjali ppropona arranġamenti adegwati biex jiġu żgurati monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inklużi l-iskeda ta' żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (68) In-natura u l-firxa tal-modifiki għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Litwanja ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-arranġamenti organizzattivi ġenerali għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-implimentazzjoni tal-pjan jiżguraw monitoraġġ korrett tal-progress u tar-rapportar jibqgħu l-istess. L-istadji importanti u l-miri tal-RRP modifikat inklużi fil-kapitolu REPowerEU jippermettu monitoraġġ adegwat tal-implimentazzjoni tal-pjan. Kull waħda mir-riformi u l-investimenti l-ġodda introdotti taħt il-kapitolu tar-REPowerEU tinkludi mill-inqas mira jew stadju importanti wieħed li fih l-elementi ewlenin tal-miżura u jippermetti l-valutazzjoni tal-kisba tal-oġettivi tagħha. L-istadji importanti u l-miri huma ċari u realistiċi, u l-indikaturi proposti magħżula għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri għadhom rilevanti, aċċettabbli u robusti.

### *Spejjeż*

- (69) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP hija moderatament (Klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (70) Il-valutazzjoni oriġinali tal-RRP iddeterminat li l-Litwanja kienet ipprovdiet il-kostijiet stmati għal kull investment inkluż fl-RRP, b'diżaggregazzjoni tal-kostijiet ġeneralment dettaljati u sostanzjati tajjeb. Il-ġustifikazzjoni mogħtija minn-Litwanja dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP kienet moderatament raġonevoli u plawżibbli, konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (71) Il-Litwanja pprovdiet kostijiet stmati individwali għall-miżuri l-ġodda kollha li jinvolvu kost fl-RRP inkluż il-kapitolu REPowerEU, kif ukoll ġustifikazzjonijiet individwali għall-miżuri kollha li l-modifiki tagħhom kienu jinvolvu bidla fl-istimi tal-kostijiet jew fil-mira relatata. L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta minn-Litwanja hija fil-biċċa l-kbira dettaljata u sostanzjata biżżejjed. Il-Litwanja pprovdiet stimi u suppożizzjonijiet dwar il-kostijiet bl-użu tal-mudell standard ta' tabella, li kienet maħsuba biex tiġbor fil-qosor l-informazzjoni ewlenija u l-evidenza dwar l-ikkostjar, inkluża l-metodoloġija sottostanti għall-kalkoli tal-kostijiet. Il-Litwanja ppreżentat ukoll dokumenti u materjali addizzjonali maħsuba biex jiċċaraw l-istimi tal-ikkostjar u jipprovdur *data* dwar il-kostijiet u punti ta' riferiment dwar investimenti komparabbli li saru fil-passat jew f'pajjiżi oħra għall-biċċa l-kbira tal-miżuri l-ġodda. Dawn id-dokumenti jinkludu deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet tal-muturi ewlenin u l-bidliet fil-kostijiet tal-miżuri modifikati u l-proporzjonalità tagħhom. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u d-dokumenti ta' sostenn turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet tal-miżuri l-ġodda huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli. Barra minn hekk, il-bidliet fl-istimi tal-kostijiet tal-miżuri modifikati huma ġġustifikati u proporzjonati biżżejjed. Fl-aħħar nett, l-istima tal-kost totali tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (72) Il-Litwanja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-kostijiet għall-miżuri ġodda u ta' REPowerEU kollha mhux se jiġu ffinanzjati fl-istess ħin minn sorsi oħra ta' finanzjament tal-Unjoni. L-impenn li jiġu stabbiliti salvagwardji li huma maħsuba biex jipprevjenu l-finanzjament doppju jibqa' u ma nbidilx mill-modifika tal-pjan.

### *Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni*

- (73) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU u l-miżuri addizzjonali li jinsabu f'din id-Deċiżjoni huma adegwati (Klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħrajn għall-promozzjoni u l-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u

għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>.

- (74) Il-valutazzjoni tal-RRP oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u l-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, qieset li l-arranġamenti proposti fih huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess.
- (75) L-RRP modifikat jinkludi aġġornament tal-qafas tal-awditjar u tal-kontroll. Minbarra r-responsabbiltajiet fdati lill-awtoritajiet maniġerjali u amministrattivi, il-modifiki proposti għas-sistema ta' ġestjoni u kontroll intern tal-Litwanja jassenjaw ir-rwol ta' korp ta' koordinazzjoni lill-Aġenzija Ċentrali għall-Ġestjoni tal-Proġetti (CPMA) flimkien mal-Ministeru tal-Finanzi. Barra minn hekk, l-RRP modifikat tal-Litwanja jipprevedi l-użu ta' sistemi ta' informazzjoni nazzjonali eżistenti għall-ħżin tad-*data* msemmija fl-Artikolu 22(2)(d)(iii) tar-Regolament (UE) 2021/241, sakemm INVESTIS issir kompletament operazzjonali. INVESTIS hija sistema unika ta' informazzjoni ddedikata għall-ġestjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u fondi oħra tal-UE għall-perjodu 2021-2027. In-natura u l-firxa ta' dawn il-modifiki ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni oriġinali tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### ***Koerenza tal-RRP***

- (76) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-Anness V, il-kriterju 2.11, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.
- (77) Il-pjan modifikat li jinkludi l-kapitolu REPowerEU jimmodifika s-seba' komponenti eżistenti u jżid il-kapitolu tar-REPowerEU bħala komponent addizzjonali (il-Komponent 8). Huwa jkompli tindirizza l-isfidi strutturali li ilhom jeżistu u jżid ir-reżiljenza tal-ekonomija Litwana. Il-modifiki proposti ma jbiddux il-koerenza ġenerali tal-pjan, billi l-komponenti huma magħmula minn pakketti konsistenti ta' riformi u investimenti li jsaħħu u jikkomplementaw lil xulxin. Il-pjan huwa arrikkit aktar permezz ta' miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u l-kapitolu REPowerEU li għadu kif ġie miżjud. Barra minn hekk, investimenti addizzjonali fi-ċibersigurtà se jsaħħu t-tranżizzjoni diġitali billi jiżguraw l-effettività tal-ġestjoni tad-*data* kif ukoll isaħħu l-kapaċitajiet ta' ċibersigurtà tal-Litwanja.

### ***Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni***

- (78) Il-Kummissjoni tqis li l-modifiki ppreżentati mil-Litwanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal-Litwanja rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punt (j).

### ***Proċess ta' konsultazzjoni***

- (79) Il-Litwanja kellha konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fir-rigward tat-tnejjija tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU. Is-sħab

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

soċjali u ekonomiċi fil-livell lokali u reġjonali kienu involuti. Il-ministeri kkonsultaw lis-sħab tagħhom fil-qasam tagħhom u siltu attivitajiet li jikkontribwixxu direttament għall-kisba tal-oġġettivi tar-REPowerEU. Il-partijiet ikkonċernati kkonsultati enfasizzaw l-importanza li jissaħħu l-investimenti fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-indipendenza enerġetika. Barra minn hekk, fis-7 ta' Diċembru 2022 ġiet immedija konsultazzjoni li ssir darba f'xahar mill-Ministeru għall-Finanzi, miftuħa għall-pubbliku ġenerali. Il-pubbliku ġie infurmat minn qabel dwar il-bidliet proposti f'diversi stqarrijiet għall-istampa ppubblikati fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Finanzi u f'konferenza stampa li għaliha attendew il-ministri għall-finanzi u l-enerġija fil-jum tat-tnedija. Barra minn hekk, il-pubbliku ġie mistieden jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar il-kontinwazzjoni tal-media soċjali tal-Ministeru tal-Finanzi. Il-Gvern Litwan irċieva proposta waħda biss dwar l-iżvilupp eventwali tas-settur tal-edukazzjoni permezz tal-konsultazzjonijiet pubbliċi. Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha inkwistjoni, inklużi s-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU.

### ***Valutazzjoni pożittiva***

- (80) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, bis-sejba li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont magħmul disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u fil-forma ta' self.

### ***Kontribuzzjoni finanzjarja***

- (81) L-istima tal-kostijiet totali tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU tal-Litwanja hija ta' EUR 3 849 237 823. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal-Litwanja, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 allokata għall-RRP modifikat tal-Litwanja inkluż il-kapitolu REPowerEU tkun ugħali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tal-Litwanja inkluż il-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 2 099 135 822.
- (82) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-30 ta' Ġunju 2023 il-Litwanja ppreżentat talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-kostijiet totali stmati tal-miżuri msemmija fil-punti (b) sa (f) tal-Artikolu 21c(3) inklużi fil-kapitolu tar-REPowerEU huma ta' EUR 198 429 642. Peress li dan l-ammont huwa oġġla mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għal-Litwanja, jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għal-Litwanja jkun daqs is-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 193 729 642.

- (83) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755<sup>7</sup>, fl-1 ta' Marzu 2023 il-Litwanja ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi parti mill-allokkazzjoni proviżorja tagħha li fadal mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità, li tammonta għal EUR 4 700 000. Jenħtieġ li dak l-ammont isir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli.
- (84) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għal-Litwanja jenħtieġ li tkun ta' EUR 2 297 565 464.

### **Self**

- (85) Barra minn hekk, sabiex tappoġġa riformi u investimenti addizzjonali, il-Litwanja talbet appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 1 551 672 358, b'mod partikolari, EUR 549 130 737 biex tappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU u EUR 1 002 541 621 biex tappoġġa r-riformi u l-investimenti l-oħra fl-RRP. Il-volum massimu tas-self mitlub mil-Litwanja huwa inqas minn 6,8 % tal-introjtu nazzjonali gross tal-2019 tagħha fi prezzijiet attwali. L-ammont tal-istima tal-kostijiet totali tal-RRP huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għal-Litwanja, inkluż il-kapitolu REPowerEU u l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, id-dħul mis-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> u mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

### **Prefinanzjament ta' REPowerEU**

- (86) Il-Litwanja talbet il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tagħha: trasferiment ta' EUR 4 700 000 mill-allokkazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 193 729 642 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, EUR 549 130 737 fil-forma ta' self.
- (87) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fit-30 ta' Ġunju 2023 il-Litwanja talbet prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Litwanja soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità ma' ftehimiet li għandhom jiġu konklużi bejn il-Kummissjoni u l-Litwanja skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 ("il-ftehim ta' finanzjament") u skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament ("il-ftehim ta' self").
- (88) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 10477 21 INIT; ST 10477 21 ADD 1 tat-28 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal-Litwanja tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

<sup>8</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32–46).

## ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) ST 10477/21 ADD 1 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

#### *Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP*

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Litwanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli għal-Litwanja kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' sostenn mhux ripagabbli li jammonta għal EUR 2 297 565 464<sup>9</sup> Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

- (a) ammont ta' EUR 2 091 774 090 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022;
- (b) ammont ta' EUR 7 361 732 li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
- (c) ammont ta' EUR 193 729 642<sup>10</sup>, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c (3), il-punt (a);
- (d) ammont ta' EUR 4 700 000, trasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni disponibbli għal-Litwanja fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. L-ammont ta' EUR 289 145 365 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241.

L-ammont ta' EUR 39 685 928 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jitħallas mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

<sup>9</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Litwanja, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

<sup>10</sup> Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara li jitnaqqas is-sehem proporzjonali tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Litwanja, ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija tal-Anness IVa ta' dak ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tista' tħallas il-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.”;

(3) Jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġejj:

*“Artikolu 2a  
Appoġġ fil-forma ta' self*

1. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli self lil-Litwanja li jammonta għal massimu ta' EUR 1 551 672 358.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-appoġġ fil-forma ta' self imsemmi fil-paragrafu 1 disponibbli għal-Litwanja f'pagamenti parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Ammont ta' EUR 109 826 147 għandu jkun disponibbli bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jitħallas mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

Il-Kummissjoni tista' tħallas il-prefinanzjament u l-ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.

3. Il-prefinanzjament imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ u f'konformità mal-ftehim ta' self. Il-prefinanzjament għandu jitħallas billi jitnaqqas proporzjonalment mill-pagament tal-ħlasijiet parzjali.

4. Ir-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Ftehim ta' Self għandu jsir bil-kundizzjoni li l-finanzjament jkun disponibbli, u b'deċiżjoni tal-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2021/241, li l-Litwanja tkun laqgħet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali koperti bis-self u identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu dwar REPowerEU. Sabiex tkun eliġibbli għall-pagament, il-Litwanja għandha tlesti l-istadji importanti u l-miri addizzjonali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2026”.

(4) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni:

*Artikolu 2  
Id-destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*